MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 985/1998/1

**Joseph Vella ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Hal Mann Tiling Projects Limited**

**vs**

**Perit Norbert Attard**

**Il-Qorti:**

Dan hu provediment limitat ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` appellata dwar l-irritwalita` u n-nullita` tar-rikors ta' appell.

L-appell hu minn sentenza in parte moghtija fit-30 ta' Mejju, 2001. Permezz ta' din is-sentenza, il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut (bl-ispejjez kontra tieghu) u kienet iddifferiet il-kawza ghall-kontinwazzjoni ghat-22 ta' Ottubru, 2001.

Fit-18 ta' Gunju, 2001 il-konvenut ipprezenta rikors ta' appell. Issa, skond l-Art. 231(1) tal-Kap. 12 dana l-appell ma setax isir jekk mhux bil-permess tal-Prim Awla moghti fil-Qorti bil-miftuh. Tali permess qatt ma nghata f'dan il-kaz, u anqas biss intalab. Ghalhekk hu evidenti li l-appell interpost hu proceduralment null u bla effett. Inoltre, peress li bil-mod kif agixxa l-appellant, l-appell tieghu hu proceduralment wiehed fieragh u vessatorju, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tapplika d-disposizzjoni tas-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 223 tal-Kap. 12.

Ghall-motivi premessi, tiddikjara l-appell irritu u null u konsegwentement tastjeni milli tippronunzja ruhha aktar dwaru. Spejjez a karigu ta' l-appellant, li ghandu jhallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

Tordna li l-atti jigu minnufih rinvjati quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------